Australian Government

Services Australia



# Australian Pension News

Ħarġa 49

## Tikkuntattja lil Centrelink billi tuża l-onlajn akkawnt tiegħek

myGov hu mod sempliċi u sigur biex taċċessa s-servizzi tal-Australian Government, bħal Centrelink, onlajn u f'post wieħed. Int tista' timmaniġġja l-biċċa l-kbira tat-tagħrif tiegħek ta' Centrelink onlajn u tiffranka l-ħin u għandek mnejn ma jkollokx bżonn iċċemplilna.

Biex taċċessa Centrelink billi tuża myGov int ser ikollok bżonn tikkreja akkawnt myGov. Hekk kif kont ikkrejajt akkawnt myGov int tista' tillinkja Centrelink miegħu. Normalment int ikollok bżonn tivverifika l-identità tiegħek billi tuża dokumenti bħal passaport Awstraljan. Jekk m'għandekx id-dokumenti meħtieġa, int tista' iċċemplilna (ara paġna 4) u ser ngħinuk.

Int tista' tuża myGov biex tara u taġġorna d-dettalji tiegħek, tirċievi ittri elettronikament u tibgħatilna dokument b'mod sigur. Hekk kif tkun ħloqt l-akkawnt tiegħek myGov int tista' tniżżel l-app myGov.

L-app jagħmilha faċli biex tidħol fl-akkawnt tiegħek biex tara u timmaniġġja l-messaġġi fl-inbox tiegħek u taċċessa s-servizzi llinkjati.

Għal aktar tagħrif dwar myGov mur **servicesaustralia.gov.au/mygov**

## Id-dettalji tal-kuntatt tiegħek huma aġġornati?

Huwa importanti li żżomm id-dettalji tal-kuntatt tiegħek aġġornati magħna peress li jista' jkun hemm drabi li jkollna bżonn nikkuntattjawk dwar il-ħlas tiegħek ta' Centrelink. Int tista' taġġorna d-dettalji tiegħek billi tuża l-akkawnt tiegħek onlajn ta' Centrelink permezz ta' myGov, jew tista' ċċemplilna. Tista' ssib in-numri f'paġna 4.

Għal aktar tagħrif, mur **servicesaustralia.gov.au/phone-us**

## L-Awstralja issa għandha 32 Social Security Agreements

Fl-1 ta' Frar 2024, Social Security Agreement ġdid, beda bejn l-Awstralja u s-Serbja.

Il-ftehim ġeneralment jippermetti lil persuna li tgħix fis-Serbja li tissottometti talba għal Australian Age Pension. Jippermetti wkoll li perjodi ta' residenza fl-Awstralja u l-perjodi ta' kopertura tas-sigurtà soċjali fis-Serbja jiġu miżjuda flimkien, jekk meħtieġ, biex jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit minimu għall-ħlas.

Għal aktar tagħrif, mur f' **servicesaustralia.gov.au/international-social-security-agreements**

## Ċekkijiet ta' munita barranija

Mid-19 ta' Diċembru 2024, Services Australia mhux se tibqa' taċċetta iżjed rimborż ta' dejn ta' Centrelink magħmul minn ċekkijiet f'munita barranija jew money orders. Jekk ikollok bżonn tħallas lura dejn ta' Centrelink int issa trid tuża metodu differenti ta' rimborż, spjegat fl-ittra dwar id-dejn tiegħek.

Ma hemm l-ebda bidla kif il-ħlas tiegħek ta' Centrelink jitħallas lilek.

## Proof of Life Certificates

Jekk int għandek aktar minn 80 sena u tgħix barra l-Awstralja, int għandek mnejn ikollok bżonn timla Proof of Life Certificate biex tkompli tirċievi l-ħlas Awstraljan.

Fi Frar 2024 lista ta' nies awtorizzati li jistgħu jiffirmaw il-formola tal-Proof of Life kienet aġġornata biex tinkludu:

- uffiċjal ta' municipalità lokali
- impjegat tal-awtorità lokali tal-pensjoni.

# Tagħrif dwar il-pagamenti tiegħek

Int ser tirċievi 13-il pagament regolari kull 4 ġimgħat fis-sena.

| il-kalendarju tal-pagament tal-pensjoni ta' kull 4 ġimgħat - minn Ottubru 2024 sa Diċembru 2025 | | | |
|---|---|---|---|
| **Id-data meta ser nibgħatulek il-pagament tiegħek** | **Il-klijenti li jirċievu d-depożitu dirett għandhom jirċievu l-pagament sal-** | **Klijenti li jirċievu ċ-ċekk għandhom jitħallsu sal-** | **Il-pagament ikopri l-perjodu** |
| 17 T'Ottubru 2024 | 23 T'Ottubru 2024 | 6 Ta' Novembru 2024 | 19 Ta' Settembru sas 16 T'Ottubru 2024 |
| 14 Ta' Novembru 2024 | 20 Ta' Novembru 2024 | 4 Ta' Diċembru 2024 | 17 T'Ottubru sat 13 Ta' Novembru 2024 |
| 12 Ta' Diċembru 2024 | 18 Ta' Diċembru 2024 | 1 Ta' Jannar 2025* | 14 Ta' Novembru sal 11 Ta' Diċembru 2024 |
| 9 Ta' Jannar 2025 | 15 Ta' Jannar 2025 | 29 Ta' Jannar 2025 | 12 Ta' Diċembru 2024 sat 8 Ta' Jannar 2025 |
| 6 Ta' Frar 2025 | 12 Ta' Frar 2025 | 26 Ta' Frar 2025 | 9 Ta' Jannar sal 5 Ta' Frar 2025 |
| 6 Ta' Marzu 2025 | 12 Ta' Marzu 2025 | 26 Ta' Marzu 2025 | 6 Ta' Frar sal 5 Ta' Marzu 2025 |
| 3 T'April 2025 | 9 T'April 2025 | 23 T'April 2025 | 6 Ta' Marzu sat 2 T'April 2025 |
| 1 Ta' Mejju 2025 | 7 Ta' Mejju 2025 | 21 Ta' Mejju 2025 | 3 T'April sat 30 T'April 2025 |
| 29 Ta' Mejju 2025 | 4 Ta' Ġunju 2025 | 18 Ta' Ġunju 2025 | 01 Ta' Mejju sat 28 Ta' Mejju 2025 |
| 26 Ta' Ġunju 2025 | 2 Ta' Lulju 2025 | 16 Ta' Lulju 2025 | 29 Ta' Mejju sal 25 Ta' Ġunju 2025 |
| 24 Ta' Lulju 2025 | 30 Ta' Lulju 2025 | 13 T'Awwissu 2025 | 26 Ta' Ġunju sat 23 Ta' Lulju 2025 |
| 21 T'Awwissu 2025 | 27 T'Awwissu 2025 | 10 Ta' Settembru 2025 | 24 Ta' Lulju sal 20 T'Awwissu 2025 |
| 18 Ta' Settembru 2025 | 24 Ta' Settembru 2025 | 8 T'Ottubru 2025 | 21 T'Awwissu to 17 Ta' Settembru 2025 |
| 16 T'Ottubru 2025 | 22 T'Ottubru 2025 | 5 Ta' Novembru 2025 | 18 Ta' Settembru sas 15 T'Ottubru 2025 |
| 13 Ta' Novembru 2025 | 19 Ta' Novembru 2025 | 3 Ta' Diċembru 2025 | 16 T'Ottubru sal 12 Ta' Novembru 2025 |
| 11 Ta' Diċembru 2025 | 17 Ta' Diċembru 2025 | 31 Ta' Diċembru 2025 | 13 Ta' Novembru sat 10 Ta' Diċembru 2025 |

*It-twassil taċ-ċekkijiet jista' jkun aktar tard minn dawn id-dati minħabba dewmien fit-tqassim tal-posta.

## Il-pagamenti ta' depożitu dirett

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi aħna nħallsu pensjonijiet direttament fil-kontijiet tal-bank. Aħna nħeġġu dan il-metodu ta' pagament għax hu sigur, ta' malajr u ta' min jorbot fuqu.

Jekk ikollok il-ħlas tiegħek permezz ta' depożitu dirett fil-kont bankarju tiegħek, ikun disponibbli fi żmien 2 sa 6 ijiem wara l-ħruġ. Vaganza pubblika f'pajjiżek tista' idewwem milli tirċievi l-ħlas tiegħek. Jekk il-ħlas tiegħek ma jkunx wasal fi żmien 10 ijiem mill-ħruġ, iċċekkja mal-bank lokali tiegħek qabel tikkuntattjana.

## Dati tal-għeluq tas-Servizzi Internazzjonali

| Is-Servizzi Internazzjonali ser ikun magħluqa fil-: | |
|---|---|
| Vaganza pubblika tal-Milied | 25 Ta' Diċembru 2024 |
| Vaganza pubblika tal-Boxing Day | 26 Ta' Diċembru 2024 |
| Il-vaganza tas-Servizz Pubbliku | 27 Ta' Diċembru 2024 |
| Il-vaganza pubblika tal-Ewwel tas-Sena | 1 Ta' Jannar 2025 |
| Il-vaganza pubblika tal-Australia Day | 27 Ta' Jannar 2025 |
| Il-vaganza pubblika tal-Ġimgħa l-Kbira | 18 T'April 2025 |
| Il-vaganza pubblika tat-Tnejn ta'Wara l-Għid | 21 T'April 2025 |
| Il-vaganza pubblika t'ANZAC DAY | 25 T'April 2025 |

# Ir-Rati

Ir-rati tal-pensjoni u l-limiti stipulati ta' barra l-Awstralja jerġgħu jiġu assesjati f'Jannar, f'Marzu, fl-Lulju u f'Settembru kull sena.

# Rati u limiti stipulati

Dawn iċ-cifri f'dollaru Awstraljan (A$) huma biss gwida u huma effettivi mill-20 ta' Settembru 2024 għajr ma jingħadx mod ieħor.

| Pensjoni barra l-Awstralja Rati u limiti stipulati | PERSUNA WAĦEDHA | KOPPJA t-tnejn eliġibbli | KOPPJA sieħeb/ sieħba wieħed/ waħda biss eliġibbli | KOPPJA separata minħabba mard |
|---|---|---|---|---|
| **Kemm pensjoni [1, 2, 3, 4]** | **Kull sena** | **Kull sena** | **Kull sena** | **Kull sena kull wieħed/waħda** |
| Rata bażika massima | A$27,224.60 | A$41,043.60 | A$20,521.80 | A$27,224.60 |
| Pension Supplement Bażiku | A$751.40 | A$1,237.60 | A$618.80 | A$751.40 |
| **Total** | **A$27,976.00** | **A$42,281.20** | **A$21,140.60** | **A$27,976.00** |
| Dħul Permissibbli [5,6] | Kull sena | Flimkien | Flimkien | Flimkien |
| Pensjoni Sħiħa | sa A$5,512.00 | sa A$9,672.00 | sa A$9,672.00 | sa A$9672.00 |
| Pensjoni parzjali | Anqas minn A$61,464.00 | Anqas minn A$94,234.40 | Anqas minn A$94,234.40 | Anqas minn A$121,576.00 |
| Assi Permissibbli [7] | Persuna Waħidha | Flimkien | Flimkien | Flimkien |
| Pensjoni Sħiħa — Sid id-Dar | A$314,000 | A$470,000 | A$470,000 | A$470,000 |
| Pensjoni Sħiħa — Mhux sid id-dar | A$566,000 | A$722,000 | A$722,000 | A$722,000 |
| Pensjoni parzjali — Sid id-Dar | Anqas minn A$672,750 | Anqas minn A$1,012,500 | Anqas minn A$1,012,500 | Anqas minn A$1,187,500 |
| Pensjoni parzjali — Mhux sid id-dar | Anqas minn A$924,750 | Anqas minn A$1,264,500 | Anqas minn A$1,264,500 | Anqas minn A$1,439,500 |
| Rati kkalkulati u limiti stipulati | Persuna Waħidha | Flimkien | Flimkien | Flimkien |
| Limitu Stipulat | A$62,600 | A$103,800 | A$103,800 | A$103,800 |
| Rati taħt il-limitu stipulat | 0.25% | 0.25% | 0.25% | 0.25% |
| Rata 'l fuq mill-limitu stipulat | 2.25% | 2.25% | 2.25% | 2.25% |

Dawn ir-rati japplikaw għall-klijenti li jkunu permanenti barra mill-Awstralja jew neqsin mill-Awstralja għal aktar minn 6 ġimgħat.

1. Aħna naħdmu r-rata tal-pagament skont it-testijiet tad-dħul u tal-assi. Aħna napplikaw it-test li jirriżulta fir-rata aktar baxxa jew ir-rata żero. Xi assi huma meqjusa li qed jaqilgħu d-dħul u hemm regoli speċjali għal tipi oħra ta' dħul. Jekk int għama permanenti m'hemm l-ebda test tad-dħul jew tal-assi.
2. Xi klijenti għandhom mnejn jirċievu rata mnaqqsa tal-pensjoni bbażata fuq kemm kienu ilhom residenti Awstraljani.
3. Xi klijenti għandhom mnejn jirċievu rata tranżitorja tal-pensjoni bbażata fuq ir-regoli tat-test tad-dħul ta' qabel l-20 ta' Settembru 2009. Għal dawn il-klijenti aħna nikkomparaw r-rata tranżitjorja mar-rata kurrenti. Jekk ir-rata kurrenti hija l-istess jew ogħla minflok aħna ser inħallsuk ir-rata kurrenti. Ladarba tirċievi r-rata kurrenti tal-pensjoni ma tistax tmur lura għar-rata tranżitorja.
4. Klijenti jistgħu jirċievu rata ogħla tad-Disability Support Pension (il-Pensjoni tad-Diżabilità) jekk għandhom anqas minn 21 sena u m'għandhomx tfal dipendenti. Għal aktar tagħrif, żur **servicesaustralia.gov.au/dsp**
5. Dħul ta' anqas minn A$212 kull ħmistax għal persuna waħedha u A$372 kull ħmistax għal koppja flimkien mhux ser jaffettwa r-rata tal-pensjoni. Dan jissejjaħ livell ta' qligħ eżentat. Għal kull dollaru aktar mill-livell ta' qligħ eżentat, aħna nnaqqsu r-rati b'A$0.50ċ għall-persuni waħidhom u A$0.25c kull wieħed għall-koppji. Il- livell ta' qligħ eżentat japplika wara kwalunkwe ammonti tal-Work Bonus. Għal aktar tagħrif, mur **servicesaustralia.gov.au/income**
6. Il-Work Bonus jgħin klijenti eliġibbli biex jaqalgħu aktar flus mix-xogħol mingħajr ma titnaqqas il-pensjoni tagħhom. Għal aktar tagħrif, żur **servicesaustralia.gov.au/work-bonus**.Il-Work Bonus ma japplikax għar-rata tranżitorja tal-pensjoni.
7. Klijenti jista' jkollhom assi sa ċertu ammont mingħajr ma jaffettwawlhom il-pensjoni tagħhom. Dan jissejjaħ livell ta' assi eżentat. Hemm diversi livelli ta' assi eżentati li japplikaw skont l-istat tar-relazzjoni tal-klijent u jekk humiex sidien ta' darhom. Ara l-websajt tagħna għal lista sħiħa tal-livelli ta' assi eżentat. Għal kull A$1,000 ta' assi addizzjonali aktar mill-livell ta' assi eżentati, aħna nnaqqsu r-rati b'A$3 kull ħmistax għall-persuni waħedhom u A$1.50 kull ħmistax kull wieħed għall-koppji. Aħna ma ninkludux ċerti assi fit-test tal-assi. Għal aktar tagħrif, mur f' **servicesaustralia.gov.au/assets**

## Ir-rati internazzjonali tal-kambju huma disponibbli onlajn

Aħna naħdmu l-ammont tal-pagament li tirċievi billi nużaw it-test tad-dħul u tal-assi. Jekk għandek assi fi, jew qed taqla' dħul minn pajjiż ieħor, aħna neħtieġu naħdmu l-valur tagħhom f'dollari Awstraljani. Biex nagħmlu dan aħna nużaw ir-rati tal-kambju. Aħna nippubblikaw t-tagħrif dwar ir-rati tal-kambju fuq sit tagħna tal-web.

Biex tiċċekkja r-rati tal-kambju mur fuq **servicesaustralia.gov.au/international**

## Żomm ruħek aġġornat mal-aħħar rati tal-pagament u tad-dati tal-pensjoni

Għall-aħħar informazzjoni dwar ir-rati tal-pensjoni u d-dati tal-pagament barra mill-Awstralja, żur **servicesaustralia.gov.au** u fittex għall- **payment rates outside Australia (rati tal-pagament barra mill-Awstralja).** Aħna naġġornaw ir-rati tal-pensjoni, u l-limiti stipulati tad-dħul u tal-assi fuq is-sit tal-web tagħna hekk kif jinbidlu.

Din in-newsletter tinsab ukoll fil-websajt tagħna, żur **servicesaustralia.gov.au/customer/publications/int001**

**Ċaħda:** il-Commonwealth of Australia ipprova jara li t-tagħrif f'din il-pubblikazzjoni hu preċiż. Madankollu, il-Commonwealth ma jiggarantixxix li t-tagħrif hu preċiż jew sħiħ lanqas mhu obbligat li jagħmel tajjeb għal xi telf li sofriet xi persuna għax qagħdet b'xi mod fuqu. Int għandek tikkuntattja lil Australian Government Services Australia għad-dettalji kollha dwar xi intitulamenti u servizzi li għandek mnejn tkun eliġibbli għalihom u kif kwalunkwe tibdil pendenti fil-leġislazzjoni, programmi jew servizzi jistgħu jolqtuk.

## Kif tikkuntattjana

Mur f' **servicesaustralia.gov.au**, biex issib tagħrif dwar il-pagament tiegħek kif ukoll dwar il-pagamenti u s-servizzi oħra tagħna.

Ċemplilna mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-8 am u l-5pm ħin ta' Hobart.

Dan is-servizz għandu mnejn ma jkunx disponibbli mill-postijiet kollha fi ħdan il-pajjiż tiegħek.

Jekk dan is-servizz ma jkunx disponibbli, jew jekk tgħix f'pajjiż li mhux fuq il-lista, jekk jogħġbok ikkuntattjna fuq **+61 3 6222 3455.**

Tista' wkoll tiffakksjalna fuq **+61 3 6222 2799,** jew iktbilna f':

**International Services**
**PO Box 7809**
**Canberra BC ACT 2610**
**Australia**

Jekk jogħġbok inkludi ismek, is-Centrelink Customer Reference Number u n-numru tat-telefown tiegħek mal-mistoqsija tiegħek.

Ċempel in-numru muri mingħajr kwalunkwe kodiċi internazzjonali jew tal-pajjiż qablu.

| | |
|---|---|
| L-Awstrija | **0800 295 165** |
| Il-Kanada | **1888 2557 493** |
| Iċ-Ċina (tat-Tramuntana)* | **10 800 6100 427** |
| Iċ-Ċina (tan-Nofsinhar)* | **10 800 2611 309** |
| Id-Danimarka | **8088 3556** |
| Il-Ġermanja | **0800 180 2482** |
| Il-Greċja | **0080 0611 26209** |
| L-Indja | **000 800 61 01098** |
| L-Indoneżja | **001 803 61 035** |
| L-Irlanda | **1800 200 333** |
| L-Italja | **800 781 977** |
| Ir-Repubblika tal-Korea | **003 081 32326** |
| L-Olanda | **0800 0224 364** |
| In-New Zealand | **0800 441 248** |
| Il-Filippini | **1800 1611 0046** |
| Il-Polonja | **00 800 6111 220** |
| Il-Portugall | **800 861 122** |
| Is-Singapore | **800 6167 015** |
| L-Ispanja | **900 951 547** |
| It-Tajlandja | **001 800 611 4136** |
| It-Turkija | **00 800 6190 5703** |
| L-Emeriti Għarab Magħquda | **800 061 04319** |
| Ir-Renju Unit | **0800 169 5865** |
| L-Istati Uniti tal-Amerka | **1866 3433 086** |

* Iċ-Ċina (tat-Tramuntana) tinkludi l-provinċji ta' Beijing, Tianjin, Hebei, Shanxi, Il-Mongolja ta' Ġewwa, Heilongjiang, Liaoning, Jilin, Shandong u Henan. Aħna nqisu l-provinċji l-oħra kollha bħala ċ-Cina (tan-Nofsinhar) għal din il-fini.

INT001.2410 - MT